## Kelmtejn minn Fr Krystof L-Amministratur Parrokkjali

Il-ġimgħa l-oħra ċċelebrajna l-festa tat-Trinità Qaddisa, u 41 tifel u tifla rċivew l-Ewwel Tqarbina fil-knisja tagħna. Issa qed niċċelebraw **il-Korpus: il-festa tal-Ġisem u d-Demm Mqaddes ta' Ġesù**. Hekk nifhmu aħjar dik il-Kelma ta' Ġesù li smajna l-Ħadd li għadda, li hi wkoll l-aħħar frażi tal-Vanġelu ta' S. Mattew: "Jiena magħkom dejjem, sal-aħħar taż-żmien" (Mt 28, 20).



Fl-Ewkaristija hu tassew qiegħed magħna. Kif jirrakkonta l-Beatu Carlo Acutis, fil-website tiegħu miracolieucaristici.org, din il-festa bdiet tiġi ċċelebrata minħabba l-miraklu ta' Bolsena li seħħ fis-sena 1263 fil-knisja ta' S. Cristina, fejn kien daħal iqaddes wieħed saċerdot Ġermaniż, Pietru ta' Praga, huwa u sejjer lejn Ruma biex ifiq mid-dubju li kellu fuq il-preżenza reali ta' Kristu fl-ostja kkonsagrata. Xħin dan il-qassis qal il-kliem tal-konsagrazzjoni, l-Ostja bdiet tqattar id-demm quddiemu. Għalxejn prova jaħbiha fl-imkatar tal-altar, għax in-nies indunaw u ħaduh fejn il-Papa Urbanu IV li kien joqgħod fil-qrib f'Orvieto. Wara investigazzjoni twila, dan il-Papa jwaqqaf din il-festa tal-*Corpus Christi* għad-dinja kollha u jitlob lil San Tumas t'Akwinu biex jikteb l-innu tat-*Tantum Ergo* li għadna nkantaw qabel il-barka sal-ġurnata tal-lum.

Jalla din il-festa tkompli ssaħħaħ fina u fit-tfal tagħna dik iċ-ċertezza li **Ġesù Kristu ma nsiniex, imma baqa' ħaj, miegħi u miegħek, fl-Ewkaristija**. X'differenza kieku jien u int inkunu iktar konvinti minn din il-ħaġa!

## AVVIŻI:

**FESTA TAL-KORPUS BIS-SEHEM TAT-TFAL TAL-EWWEL TQARBINA:** Illum il-Ħadd ser nerġgħu niċċelebraw flimkien mat-tfal kollha li għamlu l-Ewwel Tqarbina b'quddiesa fit-8.30am u wara noħorġu f'purċissjoni mat-toroq ta' raħalna. **It-tfal għandhom jiġu bil-libsa l-bajda** (mingħajr il-bukkett tax-xemgħa), l-ommijiet jimxu warajhom u l-missirijiet qed nistednuhom jerfgħu l-baldakkin waqt il-puċissjoni.

**ĠABRA TAL-FESTA:** Ma' dan il-bullettin qed nibagħtu l-envelop tal-ġabra tal-knisja **għall-festa ta' ġewwa u d-dawl kollu tal-pjazza u t-toroq.** L-Arċipriet u xi helpers sejrin joħorġu jiġbruhom bieb bieb **minn nhar it-Tnejn 3 sal-Ħamis 6 ta' Ġunju.** Nibdew miż-żona ta' Ħida lejn il-Pjazza. Inkomplu fil-ġimgħa ta' wara, dejjem mill-5pm sat-8pm.

**Inħeġġukom tkunu ġenerużi,** bil-fiduċja li nkunu nistgħu noffru festa mill-isbaħ kif tixraq lil raħalna u lill-għeżież patruni tagħna Pietru u Pawlu.

**INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES:** Min irid joffri l-quddies għall-għeżież mejtin tiegħu, jista' jiġi fl-Uffiċċju Parrokkjali **minn nhar it-Tnejn 3 ta' Ġunju 'l quddiem**, sabiex jagħżel il-quddies tal-ħin li fihom jixtieq li jsiru l-intenzjonijiet tiegħu, fost is-sitt xhur li ġejjin (minn Lulju sa Diċembru 2024).

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 6 ta' Ġunju se jsir BBQ fil-bitħa tas-Sala Parrokkjali fis-7:30pm. Għal aktar informazzjoni kellmu lil Tonina Sammut 79923153 / 21553041 jew lil Ġuża Sammut 21552326 / 99228906.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 7 ta' Ġunju, taħbat l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Filgħaxija, **wara l-quddiesa tal-5:00pm**. Kulħadd mistieden għal dan il-mument ta' talb.

**QUDDIESA FIĊ-ĊIMITERJU TAL-ĦNIENA DIVINA:** billi l-Ġimgħa, 7 ta' Ġunju, hija s-Solennità tal-Qalb ta' Ġesù jkun hemm l-Adorazzjoni għas-saċerdoti u għalhekk **il-quddiesa dakinhar se tkun fis-6:00pm**.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am